**Santa Luċija**

**Minuti**

**It-Tmien Leġislatura**

**Laqgħa Numru 54/2023 – Laqgħa b'Urġenza**

**25 ta' Marzu 2023**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fit-08:30 a.m.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Charmaine St John | Sindku |
| Frederick Cutajar | Viċi Sindku |
| Terrence Ellul | Kunsillier |
| Kylie D'Amato | Kunsilliera |
| Liam Sciberras | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv |

**Assenti b'Apoloġiji (Skond Ordni Permanenti 14A (3))** :

Ħadd

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**54.01 Talba**

54.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**54.02 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

54.02.01 Is-S.E. informa li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**54.03 PA/06394/21 – Żvilupp propost minn Santa Luċija FC**

54.03.01 Is-Sindku bdiet il-laqgħa billi nfurmat li fi tmiem il-laqgħa preliminari kien ġie deċiż li l-vot jitpoġġa *On Hold* sakemm *Transport Malta* tiddeċiedi dwar id-dħul u l-ħruġ minn Santa Luċija ladarba jkun lest il-proġett. Dan ifisser li l-vot mhux ser jitniehed nhar il-Ħamis u allura bħala Kunsill għandna iktar żmien sabiex tiddeċiedu dwar kif ser nipproċedu.

54.03.02 Is-Sindku qrat ir-rapport li l-perit tal-Kunsill kien għamel fuq talba tal-Kunsill.

Waqt diskussjoni li saret waqt is-suġġett, il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li kull membru tal-Kunsill li jkun jixtieq jitkellem, ikun jista' jagħmel dan sabiex dawk preżenti jkunu jistgħu jisimgħu il-veduti tal-Kunsillieri ndividwali. Il-Kunsillier Ellul issuġġerixxa li kull persuna tingħata ħin stipulat ta' minuti sabiex tagħmel l-intervent tagħha. Huwa issuġġerixxa wkoll li ssir laqgħa mal-applikant qabel mal-Kunsill jieħu d-deċiżjoni finali. Fiċ-ċirkostanzi ġie deċiż li ssir laqgħa mal-President ta' Santa Lucija FC qabel il-laqgħa mar-residenti u jekk ikun possibbli l-President ikun preżenti anke għal laqgħa mar-residenti u jagħmel anke preżentazzjoni dwar il-proġett propost. Kien hemm qbil ukoll li nitolbu lill-Perit tal-Kunsill sabiex ikun preżenti għal laqgħa mar-residenti.

Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jipprova jilħaq ftehim mal-i żviluppaturi ta' dan il-proġett sabiex joffru spazju lill-Kunsill sabiex idealment l-uffiċini tal-Kunsill isiru fl-istess sit u

b’hekk il-Kunsill ikun jista’ jinvesti l-flus li kien ser jonfoq fuq il-bini għall-uffiċini tiegħu għal skopijiet oħra għall-ġid tar-residenti.

Fuq kumment tal-Kunsillier Sciberras li jekk jittieħed vot fuq dan il-proġett għandu jittieħed vot anke fuq il-proġett tal-Franċiż, il-Kunsillieri l-oħra ma qablux għaliex sostnew illi jekk ikun hemm qbil unanimu, ma jkunx hemm bżonn li jittieħed vot.

**54.04** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

54.04.01 Il-laqgħa ntemmet fid-9:25 a.m. u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tnejn 24 ta’ April 2023 fil-5:30 p.m.

**Konfermati illum it-Tnejn 24 ta’ April 2023.**

| | |
|---|---|
| **Charmaine St John**<br>**Sindku** | **Fabian Mizzi**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |